31995D0131

L 94/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 26.4.1995

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tal-20 ta' Frar 1995
dwar l-applikazzjoni temporanja ta' ċerti ftehim bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi dwar il-kummerċ fi prodotti tessili

(95/131/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 flimkien ma' l-Artikolu 228(2), l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim bilaterali fil-forma ta' skambju ta' ittri biex ikunu emendati l-ftehim bilaterali eżistenti, l-arranġamenti u l-protokolli dwar il-kummerċ fi prodotti tessili ma' ċerti pajjiżi terzi biex tingħata konsiderazzjoni ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja ma' l-Unjoni Ewropea, kif jipprovdu l-Artikoli 75, 100 u 127 ta' l-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti tat-Trattati li hija stabbilita fuqhom l-Unjoni u li jinsabu mehmuża mat-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-1994;

Billi dawn il-ftehim bilaterali għandhom ikunu applikati fuq bażi temporanja mill-1 ta' Jannar 1995, sakemm jintemmu l-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tagħhom, bla ħsara għall-applikazzjoni temporanja mill-pajjiżi msieħba,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-ftehim bilaterali fil-forma ta' skambju ta' ittri biex ikunu emendati l-ftehim bilaterali eżistenti, l-arranġamenti u l-protokolli dwar il-kummerċ fi prodotti tessili ma' ċerti pajjiżi terzi biex tingħata konsiderazzjoni ta' l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju ta' l-Isvezja ma' l-Unjoni Ewropea, bejn il-Komunità Ewropea, fuq in-naħa l-waħda, u l-pajjiżi terzi rispettivi fuq in-naħa l-oħra, elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, għandhom ikunu applikati fuq bażi temporanja mill-1 ta' Jannar 1995, sal-konklużjoni formali tagħhom, bla ħsara għall-applikazzjoni reċiproka mill-pajjiżi msieħba.

Artikolu 2

It-testi tal-ftehim inizjalati huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, fl-20 ta' Frar 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ALPHANDÉRY

ANNESS

LISTA TA' PAJJIŻI

L-ARĠENTINA
IL-BANGLADEXX
IL-BELARUS
IL-BRAŻIL
IL-BULGARIJA
IĊ-ĊINA
IR-PEPUBBLIKA ĊEKA
L-ESTONJA
HONG KONG
L-UNGERIJA
L-INDJA
L-INDONEŻJA
IL-MACAW
IL-MALASJA
IL-MONGOLJA
IL-PAKISTAN
IL-PERÙ
IL-FILIPPINI
IL-POLONJA
IR-RUMANIJA
SINGAPOR
IS-SLOVAKJA
IL-KOREA T'ISFEL
SRI LANKA
L-UKRAINA
L-URUGWAJ
IL-VJETNAM